MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 3/2014

**A B**

**vs**

**Dr Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Peter Sammut mahtura b'digriet tas-27 ta' Marzu 2014 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi r-rikorrenti A B izzewget lill-intimat Svetozar B, ta' nazzjonalita Serb a (dakinhar detentur ta' Passaport tar-Repubblika Federali tal- Jugoslavja) fit-22 ta' April 1976 u minn dak iz-zwieg twieldu zewgt ulied, ilium maggorenni ossija Antonella Grech nee' B (K.I. 423777M) u Noella B (K.I. 193183M);

Illi r-ragel tar-rikorrenti A B ossja Svetozar B telaq minn Malta fis-16 ta' Gunju 1993 u l-ahhar li kien ghamel kuntatt ma' Malta jew mal-familjari tieghu fir-Repubblika tas-Serbja kien ghal habta ta' l-ahhar ta' Gunju 1993 minn gewwa Ceuta, territorju ta' Spanja;

Illi minn dakinhar hadd mill-familjari tieghu qatt ma sema' hbaru u r-rikorrenti permezz ta' rikors numru 226/2006 talbet u ottjeniet ai termini tad-digriet tal-Qorti tal-20 ta' Gunju 2007 in-nomina taghha bhala kuratrici tal-assenti zewgha u dan ai termini ta' l-Artikoli 194 u 205 tal-Kap. 16 wara li pprovdiet inventarju tal-gid kollu ta' zewgha u forniet id-debiti garanziji fosthom ipoteka generali fuq gidha kollu;

Illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti ma tikkomprendix assi ta' natura immobbli u lanqas hemm l-ebda passiv li jiggrava fuqha, bl-assi formanti parti mill-imsemmija komunjoni tal-akkwisti huma biss dawk il-hwejjeg mobbli kif sejrin jirrizultaw f'dawn il-proceduri;

Illi, apparti kwistjonijiet ohrajn u proceduri separati f'dan is-sens, l-abbandun tal-gestjoni tal-komunjoni tal-akkwisti da parti tal-intimat qieghda serjament tipperikola l-interessi tar-rikorrenti u huwa ghalhekk illi r-rikorrenti qieghda prezentement tavvalixxi ruhha mid-dritt ai termini tal-Artikolu 1332(1)(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qsim gudizzjarju tal-beni formanti parti mill-istess komunjoni;

Illi r-rikorrenti tixtieq li tigi terminata, likwidata u diviza tali komunjoni u li hi tiehu s-sehem taghha hekk likwidat;

Illi kif gie ritenut konstantament fil-gurisprudenza nostrana azzjoni bhal dik odjerna tista' titressaq f'kull waqt u indipendentement minn proceduri dwar eventwali separazzjoni personali;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti A B umilment titlob li din 1-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara terminata u xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;

2. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti wara li tistabbilixxi u tevalwa 1-valur istess kif sejjer jigi ippruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti u tassenja lir-rikorrenti s-sehem taghha mill-istess.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti tal-istess attrici.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-assenti konvenut li permezz taghha ddikjaraw li ma humiex edotti mill-atti u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-11 ta' Marzu 2014 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

Illi r-rikorrenti A B izzewget lill-intimat Svetozar B, ta' nazzjonalita' Serba (dakinhar detentur ta' Passaport tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja) fit-22 ta' April 1976 u minn dak iz-zwieg twieldu zewg ulied, illum maggorenni ossija Antonella Grech nee B (KI. 423777M) u Noella B (KI. 193183M).

Illi r-rikorrenti ressqet dawn il-proceduri ghas-separazzjoni personali taghha minn zewgha l-assenti Svetozar B, pendenti d-dikjarazzjonijiet ta' mewt prezunta, principalment sabiex tkun tista' tittermina u eventwalment tillikwida 1-komunjoni tal-akkwisti;

Illi minhabba l-eta taghha l-esponenti kkonkludiet konvenju sabiex tbiegh id-dar fejn tabita li hija proprjeta parafernali taghha u li hija kbira wisq ghall ezigenzi taghha u kkonkludiet ukoll konvenju sabiex takkwista appartament izghar li jaqdi ahjar il-htigijiet taghha:

Illi sabiex ma jinqalghux kwistjonijiet ta' natura kumplikata dwar il-propjeta tal-appartament li jrid jigi hekk akkwistat, ir-rikorrenti umilment titlob, salv u impregudikat il-kawza odjerna li sejra eventwalment tillikwida l-komunjoni ezistenti, li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tittermina u twaqqaf minnufih u ghall-futur il-komunjoni ezistenti bejnha u bejn l-assenti zewgha Svetozar B;

Illi minghajr ma tigi pregudikata l-likwidazzjoni tal-komunjoni ezistenti sal-lum, illi kif diga dikjarat fir-rikors promotur ma tinkludix assi immobbli, tali terminazzjoni ghall-futur tal-komunjoni tal-akkwisti tkun tippermetti lir-rikorrenti sabiex tidhol f'tali kuntratt minghajr kumplikazzjonijiet legali bla bzonn;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob li pendente lite u minghajr pregudizzju ghall-kawza odjerna, din il-Qorti joghgobha minnufih tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn ir-rikorrenti u l-assenti zewgha Svetozar B salv kull provvediment li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat;

**Ligi**.

L-artikolu rilevanti ghat-talba in dizamina huwa l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jehtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

Is-sub-inciz 4 tal-artikolu 55 fuq citat jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, l-Qorti ghandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawza.

Ezami tal-artikolu 55 juri illi mhux kull pregudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni ghal sentenza *in parte* ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bhala ostakolu ghall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inciz 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "pregudizzju mhux proporzjonat".

Fil-fehma tal-Qorti l-ebda parti ma hi ser tbati xi pregudizzju bil-fatt tat-terminazzjoni f'dan l-istadju tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti:

1. Tilqa’ t-talba tal-attrici mressqa permezz ta’ rikors ipprezentat fil-11 ta’ Marzu 2014 u u bis-sahha tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn l-attrici Chritine B u l-konvenut Svetosar B.
2. Tordna li din l-ordni ta’ waqfien tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku zmien ghaxart ijiem minn meta ssir *res judicata*.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------